# PROTEZZJONI CIVILI



L-ghan principali tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili hu li jahdem ghall-izvilupp ta' sistemi biex jizguraw il-harsien tac-cittadin, tal-ambjent u ta' propjeta minn dizastri sew naturali, kif ukoll minn dawk mahluqa mill-bniedem.

**It-tfal ghandhom minn eta' zghira jidraw jisbarazzaw il-gugarelli wara li jlestu minnhom. Dan japplika mhux biss ghall-iskola izda wkoll fid-dar. It-tfal jifhmu li l-kbar jistghu jaqghu f'gugarelli li jithallew fin-nofs specjalment f'xi turgien.**




Fil-kaz tat-tfal, wiehed ghandu joqghod attent biex jilaghbu. Il-gugarelli ghandhom ikunu adadatti ghall-eta' taghhom. Dawk it-tfal ta' taht it-tlett snin huma aktar suxxettibli ghad-disgrazzji u ma jkunux jafu jikkontrollaw certu gugarelli bhal tfal akbar minnhom. Importanti li wiehed ma jinsiex li tfal ta' l-istess eta' mhux bil-fors ikollhom l-istess kapacita' u ghalhekk supervizzjoni ghandha tkun kontinwa. L-istess jghodd ghal tfal bi bzonnijiet specjali.

Tajjeb li wiehed jevita

- gugarelli b'pil jew xaghar li jista' jinqala' ghax it-tfal jistghu jifgaw
- gugarelli li jizzarmaw f'partijiet zghar
- oggetti bil-ponta
- zigarelli bhal naghtu kaz, ta' madwar ghonq it-'teddy bears'
- oggetti zghar bhal bocci u zibeg
- li lazzijiet ta' purtieri u 'blinds' ikunu twal
- izzomm annimali, specjalment qtates, fi kmamar tas-sodod u mportanti li tpoggi 'net' fuq il-'pram'




Batteriji li jintuzaw fil-gugarelli

- Ghandhom dejjem jitpoggew kif suppost skond il-marki taghhom
- ghandhom jigu mibdula kollha meta jispiccaw
- qatt m'ghandhom jintremew vicin xi nar
- li jkunu godda ghandhom jigu merfugha 'l boghod minn oggettital-metall
- qatt m'ghandhom jithallew f'idejn it-tfal ghax dawn jistaw jispiccaw f'halqhom, f'widnejhom jew f'imniherhom
- 




L-ilma jaffaxxina hafna tfal, izda tajjeb li nzommu f'mohhna li t-tfal jistghu jeghrqu f'inqas minn tliet centimetri, ghaldaqstant qatt

- m'ghandek thalli tfal wahedhom fil-banju l-anqas ghal ftit sekondi
- thalli bramel jew kontenituri ta' l-ilma jigru mad-dar
- ma ghandek thall 'paddling pools' mimlija bl-ilma jekk dawn ma jkunux qed jintuzaw
- m'ghandekx thalli 'ponds' fil-gnien vojta mill-ilma u dawn dejjem ghandhom ikunu mdawra b'fence




Jekk naghmlu dawra mad-dar taghna hemm cans kbir li niskopru li huma xi kmamar li jistghu joffru perikli kbar ghat-tfal taghna. Jekk nibdew mill-kcina nsibu li dan il-post huwa perikoluz hafna. Wiehed irid joqghod attent minn likwidi jaharqu, 'appliances' li jistghu jkunu perikoluzi u art li tista tkun tizloq. Ghalhekk tajjeb li wiehed jiehu dawn il- prekawzjonijiet

- aghmel guard mal-'cooker' biex ma thallix swaba zghar imissu l-'knobs'
- waqt li isajjar uza l-'burners' tan-naha ta' wara biex ma jkunux jistghu jilhquhom it-tfal
- poggu l-'microwave' 'l boghod mit-tfal u qatt thallu t-tfal juzawh wahedhom
- zommu skieken u affarijiet ohra li jaqtghu f'kexxun 'l boghod mit-tfal
- aqla' l-'plugs' ta' l-affarijiet li ma tkunx qed tuza
- poggi l-barmil taz-zibel fejn ma jintlahaqx mit-tfal
- importanti li tqieghed il-'highchair' l' boghod mill-imwejjed jew affarijiet gholja biex it-tfal ma jkunux jistghu jaqbdu maghhom



Kamra ohra li nqattghu hafna hi fiha hija l-living room

- hawnhekk importanti li t-twapet ikunu mqabbdin tajjeb
- nehhi mwejjed li jkollhom ucuh tal-hgieg
- poggi cushions ma l-art biex tipprotegi t-tfal meta jaqghu
- nehhi oggetti zghar hafna minn postijiet fejn jistghu jintlahqu
- jekk ghandek xi xkaffar, nehhi dik li qiegheda fil-baxx biex tevita li t-tfal jitilghu maghha
- poggi lock fil-'video cassette recorder' biex tevita li t-tfal idahhlu xi affarijiet ohra li mhux suppost
- zomm xorb alkoholiku imsakkar



Il-kamra tal-banju hija post iehor li jista jkun perikoluz hafna

- qatt thalli t-tfal wahedhom fil-banju
- zomm l-ghatu tat-toilet dejjem maghluq. Tfal jistghu jaqghu u anke jeghrqu